*18 ta' Novembru 2013*

**DRITT GĦAT-TWEĠIBA**

Nirreferi għall-artiklu ppublikat fil-ġurnal l-Orizzont ta' nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2013, bit-titlu 'Il-Mit Pawlin fil-Katakombi ta' San Pawl', u skont l-artiklu 21 tal-liġi tal-istampa nitolbok tippubblika din il-kjarifika:

"B'riferenza għall-artiklu ppublikat f'dan il-ġurnal nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2013, bit-titlu 'Il-Mit Pawlin fil-Katakombi ta' San Pawl', l-Ufficcju Komunikazzjoni tal-Kurja tal-Arċisqof qed jiċċara dawn il-punti.

1. Il-Grotta ta' San Pawl, li hija aċċessibbli mill-knisja ta' San Pawl u tinsab taħt l-istess Knisja, hija propjetà tal-knisja, u persuni li jidħlu għad-devozjoni u t-talb, jidħlu bla ħlas.
2. Din il Grotta tifforma parti mill-Patrimonju Kulturali Reliġjuż u taqa' taħt is-sovraintendenza esklussiva tal-Kummissjoni Ekkleżjastika għall-istess Patrimonju u mhux ta' Heritage Malta.
3. Il-ħlas għad-dħul għall-istess Grotta jintalab biss meta dan ikun permezz tal-Muzew ta' Wignacourt u l-istess ħlas qed isir lill-operatur awtorizzat mill-Knisja.
4. Il-konferenza stampa li saret mill-awtur fil-Grotta ta' San Pawl, ma saritx bl-approvazzjoni tal-Knisja u la darba din kienet ser issir fi proprjetà ta' ħaddieħor, kien mistenni li l-awtur jitlob l-awtorizzazzjoni minn qabel.
5. Il-Knisja tiddizassoċja ruħha mill-kontenut tal-istess konferenza stampa u kull dikjarazzjoni hija biss opinjoni tal-persuna li żammet il-konferenza stampa. Dak li jingħad mill-awtur m'għandu bl-ebda mod l-approvazzjoni tal-Knisja."